KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 009/2019

18 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (1)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

### ASSENTI:
Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgha

### 09.1 Qari ta' ittri ta' apologija

09.1.1 Ma kienx hemm

### 09.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

09.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

09.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno ssekondata mis-Sa. Speranza Chirchop, il-minuti ġew approvati nem.con

### 09.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Duncan Hall, Deputat Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara kien ser ikun qieghed jezercita temporanjament hidmietu mal-istess Kunsill Lokali tal-Kalkara. Filwaqt li sahaq li dan kien dovut ghal indisponibilita' tas-Segretarju Ezekuttiv, awgura lis-Sur Hall hidma fejjieda mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

09.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' incident li kien sehh fiz-zona tal-bajja ta' Rinella, kienu saru hsarat f'cint, liema hsarat kienu gew imsewwi permezz ta' haddiema tal-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali.

09.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kalkara kienet wahda minn sebgha lokalitajiet li kienet intaghzlet mill-fondazzjoni ghall-gid tas-socjeta', liema ahbar kienet giet ikkomunikata lis-Sindku waqt laqgha li kellu mal-E.T. Marie Louise Coleiro Preca li kienet tmexxi l-istess fondazzjoni

09.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'caqlieq li kien sar fil-*bins-on-wheels* tax-xatt, liema caqlieq kien halla rizultati pozitivi ghaliex kien naqas sensibilment l-iskart li kien jithalla madwar l-istess kontenituri.

09.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'kollaborazzjoni mar-Regjun Xlokk kienet saret *pedestrian crossing* b'kuluri li jixprunaw it-tolleranza ghad-diversita'. Is-Sur Aquilina sahaq illi l-materja kienet kisbet kummenti pozitivi mill-pubbliku in-generali.

09.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet u li matulha minbarra l-progett ta' rigenerazzjoni tax-xatt kien gie diskuss il-futur ta' opri tal-bahar li kienu jittellghu fuq l-art biswit l-ex-bruno stores. Is-Sindku ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-istess laqgha.

09.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' ma' rapprezentanti ta' *Shoreline*, kien ressaq proposta illi jigi emendat il-kuntratt bejn iz-zewg partijiet bil-ghan illi jkun jista' jinxtara vann li jahdem bl-elettriku. Is-Sur Aquilina sahaq illi minbarra li jigi utilizzat mill-impjegati tal-Kunsill Lokali, fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu fil-futur qarib jevalwa l-possibilita' illi permezz tal-istess vettura joffri trasport minghajr hlas lill-anzjani u persuni vulnerabbli

09.3.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara kuntatt li kellu ma rapprezentanti ta' District Operations Ltd., kien gie assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara impjegat gdid permezz tal-iskema CWSEF.

09.3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Maria Sultana kienet ser tkun qieghda tahdem bil-ghan illi fil-lokalita' jigi stabbilit kunsill tat-tfal, liema inizjativa kellha tkun abbinata mal-fondazzjoni ghall-gid tas-socjeta'.

09.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ser jibdew il-preparamenti bil-ghan illi hekk kif stabbilit nhar l-10 ta' Dicembru 2019 jittella' jum il-Kalkara. Is-Sur Aquilina sahaq illi wara diskussjoni li kellu mal-Kunsilliera, kien gie stabbilit illi jum il-lokalita' kellha tinzamm fil-gurnata msemmija.

09.3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jibda' jahdem bil-ghan illi jkun hemm meljorament fid-dawl dekorattiv li kien jigi armat fil-lokalita' fi zmien il-Milied.

09.3.12 Is-sur Wayne Aquilina informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ser ikunu qieghdin isiru l-preparamenti mehtiega bil-ghan illi nhar il-21 t'Settembru 2019, tinzamm attivita' ta' tindif fil-lokalita'.

09.3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jahdem bil-ghan illi tigi varata attivita' gdida bl-isem ta' 'Kunsill Qribek'. Is-Sur Aquilina zied jghid illi l-attivita' kienet ser tara lill-Kunsilliera jersqu qrib ic-cittadin permezz ta' numru ta' laqghat f'postijiet pubblici. L-ewwel mis-sensiela ta' laqghat kellha tinzamm nhar it-12 t'Ottubru 2019 fir-Rinella housing estate.

## 09.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

09.4.1 Is-Sa. Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi zviluppi rigward xogholijiet ta' kostruzzjoni b'mod partikolari tarag fi Triq San Guzepp
Is-Sindku informa lis-Sa. Sultana illi wara kuntatt li kien ghamel mal-awtoritajiet kien gie stabbilit illi x-xoghol kellu jkun lest fi zmien tliet jew erbgha xhur.

09.4.2 Is-Sa. Maria Sultana ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar attivitajiet li kienu ttellghu matul SkolaSajf. Hija semmiet fost l-ohrajn li kienu ittellghu

b'success attivitajiet bhal picnics u zjarat lic-centru Esplora u lill-patrijiet kappuccini.

09.4.3 Is-Sa. Maria Sultana staqsiet lis-Sindku dwar traffic calmers u marki tat-toroq fi Triq il-Missjoni Taljana.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi Infrastructure Malta kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb taghmel ix-xogholijiet imsemmija.

09.4.4 Il-Kunsilliera Speranza Chricop infurmat lill-Kunsill Lokali b'arrangamenti li kienet ghamlet b'konnessjoni ma active ageing. Is-Sa. Chircop sahqet illi b'konnessjoni mal-istess inizjativa kien ser ikun hemm attivita' ta' tliet sieghat kull gimgha ghall-perjodu ta' sitt xhur.

09.4.5 Il-Kunsilliera Speranza Chirchop staqsiet lis-Sindku dwar eventwali zviluppi li seta kien hemm b'konnessjoni mal-progett SeaBin.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi dwar l-imsemmi progett kien hemm problema relatata mas-*supply* ta' dawl li kienet qieghda tigi ratifikata mill-Kunsill Lokali.

09.4.6 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul ix-xahar ta' Ottubru 2019, kienet ser tkun qieghda tigi kkordinata harga kulturali ghall-anzjani u l-familji.

09.4.7 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsiliera prezenti illi kien ser ikun qieghed jintuza l-ufficcju tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jsiru korsijiet tal-bizzilla ghar-residenti.

09.4.8 Is-Sur Christopher Bruno staqsa lis-Sindku dwar eventwali zviluppi dwar traffic calming measures fi Triq ir-Rinella
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti dwar dak li kien qieghed isir dwar il-materja.

09.4.9 Is-Sur Christopher Bruno Informa lill-Kunsill Lokali b'diversi ilmenti li kien qieghed ikollu b'konnessjoni ma' sewqan b'velocita' eccessiva fi Triq tal-Ammiral

09.4.10 Is-Sur Christopher Bruno informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' 'Lejla Kalkara' li kienet ser tkun qieghda tittella' mill-ghaqda 'Wirt il-Kalkara'.

09.4.11 Is-Sur Christopher Bruno informa lill-Kunsill Lokali b'komunikazzjonijiet li kellu wara laqgha li nzammet mal-kazini tal-banda. Fost l-ohrajn, kien hemm talba sabiex ikun hemm bozoz aktar qawwija, kien hemm kummenti rigward il-pjan ta' rigenerazzjoni ghall-Kalkara u saret talba ghal zbir ta' sigar.

09.4.12 Is-Sur Vincent Bongailas gibed l-attenzjoni dwar stat hazin ta' bini biswit kappella li kien hemm fil-lokalita'.

Is-Sindku sahaq illi dwar il-materja kienet ser tkun qieghda tintbaghat e-mail lill-Onor Dr. Owen Bonnici bil-ghan illi x-xogholijiet isiru mid-dipartiment tar-restawrar.

09.4.13 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa lis-Sindku dwar zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' dghajjes biswit l-Ex-Bruno stores.
Is-Sindku informa lill-Kunsillier Bongailas dwar zviluppi li kien hemm dwar il-materja.

09.4.14 Is-Sur Vincent Bongailas gibed l-attenzjoni dwar stat hazin ta' hajt li kien hemm faccata ta' 'Esplora'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali dwar azzjonijiet li kienu ser ikunu qieghdin jittiehdu dwar il-materja.

09.4.15 Is-Sur Vincent Bongailas gibed l-attenzjoni dwar hmieg li kien hemm fil-komun tal-binjiet tal-awtorita' tad-djar.

09.4.16 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bil-korrispondenza li kienet waslet u li dwarha kienu ttiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi sakemm ma jkunx hemm zviluppi ma kelliex tigi miqlugha offerta minn negozjant rigward hsarat lil kompjuters tar-residenti.
- Kien gie deciz illi telephone box li kien hemm fil-promenade tigi mcaqilqa ghal gnien is-salvatur.
- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kien ircieva l-Kunsill Lokali sabiex jittella' suq tal-Milied fil-lokalita' bil-ghan illi jingabru fondi ghal skopijiet filantropici.
- Il-Kunsill Lokali kellu jissieheb u jaghti mandat lill-Assocjazzjoni ghall-Gvern lokali f'sistema ta' permessi online li l-istess Assocjazzjoni kienet qieghda tinnegozja.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'local integration Charter li kien qieghed jigi diskuss u li l-Kunsill Lokali tal-Kalkara kien qieghed jevalwa li jadotta.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'incident li kien hemm fi Triq ir-Rinella u li kkawza danni li kienu jammontaw ghal madwar erbat elef ewro.
- Kienet intbaghtet e-mail li permezz taghha il-Kunsill Lokali kien ikkonferma li ghamara tat-toroq li kienet ser tkun qieghda tinqala' b'konnessjoni mal-progett ta' rigenerazzjoni tax-xatt ma' kelliex tintrema' izda tigi merfugha sabiex titwahhal f'siti ohra.
- Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi vacation leave mhux utilizzat mis-Segretarju Ezekuttiv matul l-2018, liema *vacation leave* kien jammonta ghal 96 siegha kellu jigi akkumulat mal-*vacation leave* li s-Segretarju Ezekuttiv kienet ser tkun intitolata ghalih ghas-sena 2019.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem bil-ghan illi fl-iqsar zmien possibbli tinhareg sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' contracts manager skont direttiva 3/2019.
- Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Gunju 2019, u wiegeb ghall-

mistoqsijiet li sarulu dwaru mill-Kunsilliera, l-istess rapport gie approvat b'mod unanimu mill-Kunsilliera prezenti.

- Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati b'korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva b'konnessjoni ma' problema ta' dawl li kien hemm fiz-zuntier tal-parrocca.
- Wara li s-Sindku spjega lill-Kunsill Lokali kif l-istess Kunsill Lokali kien spicca minghajr cleaner. Is-Sindku zied jghid illi bil-ghan illi jitnaddaf l-ufficcju l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet gabret stimi minghand kuntratturi privati. Is-Sur Aquilina sahaq illi l-Kunsill Lokali kien ser jipprocedi billi jikri s-servizzi tal-orhos kumpanija minn dawk li kienu baghtu stima.
- Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi b'konnessjoni mal-fondi ghall-attivitajiet u Inizjativi Kulturali tal-Agenzija LESA, kemm il-darba ma kienx hemm oggezzjonijiet, f'isem il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jissottometti applikazzjoni bil-ghan illi jitqassmu *eco-bags* lir-residenti tal-Kalkara.

**09.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

09.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru08/19) ghall-approvazzjoni.

09.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chricop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**09.6 Mozzjonijiet**

09.6.1 Ma kienx hemm

**09.7 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

09.7.1 Is-seduta giet fi tmiemha fis-7:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-15 t'Ottubru 2019 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Ottubru 2019

**Wayne Aquilina**
Sindku
Eżekuttiv

**Duncan Hall**
Deputat Segretarju